vaganzi tal-Milied u tal-Karnival u okkazjonijiet ohrajn, minhabba li jien biss kont imharrga fid-drama sa minn ckuniti. Dan it-tijatru tal-Bniet aktarx li kien l-ewwel wiehed ta' din ix-xorta li sar mhux biss fir-rahal, izda wkoll f'Malta. Kien spicca minhabba it-Tieni Gwerra Dinjija, fadal biss xi fotografija ta' xi xeni u atturi bniet li kont nghallem b'pacenza kbira.

Ic-Cirkolu taghna, din is-sena (1984) ser jaghlaq hamsin sena mit-twaqqif tieghu, u ghalhekk ix-xbejbiet tal-lum stednuni biex nghidilhom l-istorja ta' dan ic-cirkolu. Fost affarijiet ohra fissirtilhom il-grajja tat-tijatru tal-Bniet li ghal dak iz-zmien kienet haga rari hafna.

Illum xaghri abjad tajjara, izda mohhi ghadu jurini bhattertuqa tac-cine il-hidma tieghi, li tibda minn meta kont ta' sitt snin u dehert fuq il-palk bhala anglu, sakemm wara kont ukoll il-Madonna, u fl-ahhar sirt id-direttrici tal-Palk tal-Bniet.....

---

Dan in-numru ta' L-Imnara ikopri sa Awwissu 1984
Kitbiet u bibljografija wara dan il-perijodu jidhlu
fin-numru ta' L-Imnara li jmiss.

L-Editur jixtieq jircievi kitbiet dwar tifkiriet
personali minn nies anzjani, fejn jidhlu loghob
u drawwiet tat-tfal, mard, medicini, festi, lbies,
snajja, skola, u l-hajja fil-familja, u okkazjonijiet
popolari tal -Ghid, Milied, tradizzjonijiet, ecc...
Dawn ix-xogholijiet m'ghandhomx ikunu ikkupjati
jew ripetuti wara haddiehor, izda esperjenzi personali.